**MQABBA**

# Il-Pjan ta' Ħidma 2019 - 2021

**WERREJ** **PAĠNA**


| | | |
|---|---|---|
| 1.0. | INTRODUZZJONI U ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI | 2 |
| 2.0. | L-ISTQARRIJA TAL-MISSJONI U L-VALURI | 4 |
| 3.0. | L-GĦANIJIET, IR-RIŻULTATI MISTENNIJA U L-ISTQARRIJA | 7 |
| 4.0. | ANALIŻI TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILL | 13 |
| 5.0. | IT-TBASSIR DWAR IL-FINANZI U R-RENDIMENT | 15 |
| 6.0. | L-IŻVILUPP KAPITALI | 18 |



**KUNSILL LOKALI MQABBA – 29 TRIQ IL-PARROĊĊA MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 • e-mail: mqabba.lc@gov.mt • Website: www.mqabba.gov.mt**

# 1.0. INTRODUZZJONI U ANALIŻI TAS-SITWAZZJONI

Il-viżjoni tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba hija waħda illi tisma' it-talbiet tar-residenti u l-pubbliku inġenerali. Aħna nemmnu illi l-istrateġija u l-ippjanar imorru aktar 'il bogħod mid-deċiżjonijiet li jittieħdu fuq livell ta' Kunsill u bla dubju jiffukaw fuq l-għeruq, jiġifieri it-talbiet tal-familji, anzjani, tfal, żgħażagħ, l-entitajiet kummerċjali, il-komunita' soċjali u l-pubbliku. Għaldaqstant aħna qed naraw illi ninvolvu lil kulħadd fil-kumitati tal-Kunsill.

Kien appuntat l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ li jkun preżenti fil-laqgħat kollha tal-Kunsill. Fil-fatt f'dawn l-aħħar sentejn, kien iffurmat ukoll il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Dan kien riżultat ta' deċiżjoni meħuda mill-Gvern Ċentrali li tinvolvi l-Vot 16 – inizjattiva li tagħti vot ukoll liż-żgħażagħ ta' 16-il sena fl-amministrazzjoni u l-politika fuq livell lokali u nazzjonali. Dan wassal sabiex illum iż-żgħażagħ għandhom l-opportunita' li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. L-għan tat-twaqqif tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ hu li jissuġġerixxu idejat lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba li minnhom jibbenefika kulħadd speċjalment l-adoloxxenti. Din l-istrateġija tat raġun lilna lkoll u biha irnexxielna nkunu anke nominati bħala villaġġ fl-Access City Awards 2019. Dan bla dubju għaliex qed nilħqu l-oġġettivi tagħna b'mod illi ma nħallu barra lil ħadd u ninkludu lil kulħadd fid-deċiżjonijiet meħuda. Tant kienet effettiva din l-istrateġija illi l-Kunsill Lokali tal-Imqabba organizza diversi laqgħat ta' kollaborazzjoni ma numru ta' stake holders u għaqdiet, bħall-Amministrazzjoni tal-Parroċċa tal-Imqabba gruppi li joffru tagħlim tar-reliġjon fi ħdan il-parroċċa u wkoll ma' għaqdiet li jikkollaboraw biex issir il-festa bħas-Soċjetajiet tal-Banda li joffru:

1. Tagħlim tal-mużika b'xejn għat-tfal u ż-żgħażagħ,
2. Korsijiet mingħajr ħlas li jinvolvu it-tfal biex ikollhom l-opportunita' jgħinu fid-dekorazzjonijiet tal-għamara tat-toroq fi żmien il-festa,
3. Tagħlim mingħajr ħlas fix-xogħol tal-logħob tan-nar li jsir fil-fabbriki rispettivi tan-nar taħt is-sorveljanza u l-esperjenza ta' artisti.
4. Klassijiet ta' tagħlim biex jixprunaw imħabba u għarfien kulturali fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-festa.

Din il-metodoloġija hija waħda ppruvata li tagħti direzzjoni sana mil-att amministrattiv b'mod sostenibbli mill-att ambjentali li tagħti direzzjoni 'l quddiem.

Dr Charlene Muscat
Sindku

# L-ISTQARRIJA TAL-MISSJONI U L-VALURI

## 2.1. L-ISTQARRIJA TAL-MISSJONI

Inwettqu s-servizzi u nonoraw ir-responsabiltajiet li jġorru d-delegi afdati lilna mill-Gvern Ċentrali u mill-Imqabbin li eleġġew 'l dan il-Kunsill, bl-aktar mod effikaċi, bl-anqas ħela ta' riżorsi possibbli, fil-parametri tal-liġi, bil-limitazzjonijiet ta' fondi vvutati lilna kull sena skond kif jipprovdi l-Att tal-Kunsilli Lokali.

## 2.2. IL-VALURI

Il-valuri li jħaddan il-Kunsill tagħna huma dawn:

2.2.1. **L-ilmenti** huma l-polz tar-residenti u minnhom wieħed ikollu ideja fuq kif inhu sejjer (jiġifieri l-*performance*) il-Kunsill b'mod ġenerali. L-Ilmenti li jikkonċernaw il-lokalita' ta' l-Imqabba speċjalment dawk li jittrattaw ir-responsabbiltajiet statutorji tal-Kunsill, jingħataw l-importanza li tixhirqilhom u l-Kunsill jagħmel dak kollu li jista' biex insolvi minnhom l-akbar ammont fl-iqsar ħin possibbli.

2.2.2. Issir **diskussjoni** oġġettiva dwar dak kollu li jikkonċerna l-lokalita' tagħna bħal kuntratti, l-ilmenti, il-proposti, ix-xogħol, inkluż dak li jkun qiegħed isir mil-Gvern Ċentrali u dak kollu li jkun elenkat mill-korrispondenza kollha (li nirċievu u nibgħatu), minn seduta għall-oħra. Fejn tinħass il-ħtieġa, il-Kunsill jinforma b'avviżi fid-djar u jikkomunika permezz ta' laqgħat pubbliċi, *notice board, web site*, is-siti soċjalii u l-*e-mail*.

2.2.3. **It-trasparenza** fil-proċeduri ta' ħruġ ta' l-offerti (*tenders*) u stimi (*quotations*) hija vitali biex tinbena fiduċja fina fost il-pubbliku. Matul l-2016 rajna l-ewwel offerta li ħarġet b'mod elettroniku EPPS, li hija sistema aktar sikura. Il-kunfidenzjalita' u t-trasparenza tinżamm sa l-aħħar (*adjudication stage*) u d-deċiżjoni tal-Kunsill issir pubblika meta tkun tidher fin-*notice board.* B'dan il-mod inkabbru l-fiduċja taċ-ċittadin, b'referenza speċjali għall-forrnituri tagħna. Illum il-ġurnata dawn l-avviżi qed jidhru fis-sit elettroniku tal-Gvern għal aktar aċċessibilita' minn kulħadd.

2.2.4. **L-Aċċessibilta' tal-Agenda, l-Minuti tas-Seduti tal-Kunsill u l-Iskeda tal-pagamenti** mill-għaqdiet tar-raħal, entitajiet u persuni oħra, hu evidenti mill-interess li jkun hemm fis-sit elettroniku tal-Kunsill. Din hija pedina mportanti għat-trasparenza, u wkoll biex l-attivitajiet li jkunu qed jiġu mħejjija ma jaħbtux flimkien. Dan qed isir billi l-minuti jkunu disponibbli u aċċessibbli għal kulħadd, ħalli dawk kollha konċernati jkun jafu x'qed isir fir-raħal tagħna. Dawn ikunu jistgħu jinqraw minn bosta nies li jiffrekwentaw il-Każini wara x-xogħol, u minn kull min hu interessat minn daru stess permezz tal-*live streaming*, il-*web site, is-siti soċjali* u *e-mails* li jintbagħtu.

2.2.5. **Nidħlu bħala sieħba ma' Kunsilli Lokali oħra** biex inkunu aktar *cost-effective* fil-ħruġ ta' offerti ħalli ma jkunx hemm duplikazzjoni tax-xogħol u ħafna mix-xogħol amministrattiv jinqasam bejn is-Segretarji Eżekuttivi tal-lokalitajiet konċernati. Issa ilna snin sħaħ noħorġu offerti komuni fosthom dak tal-ġbir ta' l-iskart li preżentement qiegħed bi sħab mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Qiegħdin imsieħba fir-Reġjun Nofs-in-nhar li jamministra l-Ordni Pubbliku kif ukoll dak li jirrigwardja l-lampi tat-toroq fejn se toħroġ offerta pubblika konġunta iminentement.

2.2.6. **Nippreservaw, inżommu u ntejbu dak kollu li huwa pubbliku**, storiku, ta' nteress naturali, kulturali u fuq kollox li jagħtina l-identita' tagħna bħala raħal. Ma' dawn irridu nżidu l-uniku riżorsa naturali li tinsab f'Malta, u li tinstab f'ammonti

konsiderevoli fl-Imqabba – il-ġebla tal-franka. Il-Kunsill għandu jibqa' jkabbar l-għarfien u s-sbuħija ta' dan ir-riżors li issa huwa limitatissimu, għall-ġid ta' l-industrija tal-kostruzzjoni u fl-aħħar mill-aħħar tal-arkitettura tal-pajjiż kollu. Dan qed nagħmluh bil-fatti peress li l-aħħar monument ta' natura kapitali sostanzjali li sar fl-Imqabba, sar bil-ġebla tal-franka u ħafna mit-*tokens* tal-Kunsill Lokali Mqabba li rregala matul dan l-aħħar snin, kienu skolpiti mill-ġebla tal-franka mill-bravu żagħżugħ Imqabbi, is-Sur Antoine Farrugia. Għandna nibqgħu nagħtu pariri siewja f'dak li hu żvilupp bħalma għamilna fil-Pjan Lokali (u anke fir-reviżjoni tiegħu) għan-Nofsinhar ta' Malta u dwar skemi ta' reklamazzjoni ta' barrieri estinti li hemm il-possibilita' li jimtlew bl-iskart magħruf aħjar bħala *Construction and Demolition Waste (C&D Waste).* Dan diġa qed nagħmluh billi nkunu preżenti fil-*Board Meetings* li jiġu organizzati mill-Awtorita' tal-Ippjanar kull meta jkun hemm proposta f'dan ir-rigward. Ta' min isemmi il-preżenza tal-Kunsill fil-*Public Hearings.*

**2.2.7.** **Nippromwovu t-turiżmu** billi nqajmu kuxjenza pubblika inter /nazzjonali dwar l-apprezzament u l-ħtieġa tar-restawr ta' bini u monumenti storiċi. Sibna li l-proġett ta' restawr li sar fuq medda ta' snin mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba, fl-Isptar il-Qadim, fuq l-istatwa ta' San Franġisk u fuq is-salib tal-ħaġar fil-Pjazza tar-raħal; kif ukoll dak li sar permezz ta' l-għajnuna ta' dak iż-żmien il-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura fuq il-Kappelli ta' Santa Katerina, San Bażilju u San Mikiel, kienu pass fid-direzzjoni t-tajba biex nilħqu l-miri tagħna. Jinħtieġ li naħdmu aktar f'dan il-qasam speċjalment fuq il-kappelli, niċeċ u torrijiet li għandna mar-raħal kollu u li jinħtieġu restawr. Ninnutaw ukoll ir-restawr li sar fuq id-dħulijiet tal-katakombi tal-Mentna minn *Heritage Malta* li għandhom din il-ġawhra f'idejhom.

**2.2.8.** **Il-Konsultazzjoni** diretta ma' periti u esperti (*Contract Manager*) mqabbda mill-Kunsill ma' Dipartimenti tal-Gvern, Korporazzjonijiet, Awtoritajiet u Entitajiet oħra Governattivi, hija pedina oħra mportanti għas-suċċess fit-twettieq tal-ħidma tagħna. Permezz ta' dan ix-xogħol hekk mil-qrib ma' Ministeri u Dipartimenti oħra, nistgħu nużaw ir-riżorsi kollha tagħna fil-milja tagħhom. Din il-konsultazzjoni kienet predominanti fil-każ ta' bosta proġetti bħal dak ta' kostruzzjoni ta' Ġnien Tfal ir-Raħal fejn ikkollaborajna mil-qrib mal-Gvern Ċentrali għall-ġid komuni tar-raħal tagħna. Konsultazzjoni oħra kienet importanti fil-każ ta' l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq Valletta fejn issa erġajna bdejna nagħlqu t-triq fid-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola, fil-proġett pilota tal-kisi mill-ġdid tat-toroq, kif ukoll fil-proġett tal-bini minn barriera ta' Triq tas-Sejba fejn kien hemm *public private partnership*.

**2.2.9.** **Is-Servizz kontinwu ta' l-infurzar tal-liġijiet b'risq il-komunita'** kollha. Aktar dixxiplina fit-toroq speċjalment fis-sewqan u l-parkeġġ kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-*pedestrian,* aktar ma jmur, aktar dejjem qed jinħass, grazzi għal sistemi moderni ta' ħlasijiet ta' kontravenzjonijiet bil-ħidma tat-Tribunali u l-Gwardjani Lokali. Matul is-snin kien hemm diversi tibdiliet bid-dħul tar-Reġjuni u anke saħansitra bit-twaqqif tal-Agenzija tal-Infurzar tal-Liġijiet (LESA).

**2.2.10.** Ma' dawn irridu nsemmu x-xogħlijiet anċillari bħalma huma l-**permess tal-gwardjan** miċ-ċittadin sabiex jagħlaq triq temporanjament minħabba użu ta' *crane* kif ukoll id-diversi **permessi** bħalma huma dawk **ta' l-i*skips*, kabbani tal-festa (*kiosks/stall)s*, xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek fit-toroq**, kif ukoll l-applikazzjonijiet sabiex jingħalqu t-toroq minn gwardjani lokali minħabba xogħol privat li jkun jinħtieġ li jsir.

**2.2.11.** **Nissieħbu mal-Gvern Ċentrali** fil-politika ta' l-***e-government*** billi nippromwovu u nassistu persuni li jkunu jridu jirrikorru għal applikazzjonijiet *on-line* fuq il-*portal* tal-Gvern. Servizzi oħra offruti mill-uffiċċju tagħna huma dawk tal-faċilita' ta' l-*Public Internet Access Point* li tinsab fil-*customer care office* tal-Kunsill. Qed nibqgħu

inżommu ruħna aġġornati fil-politika tal-Gvern għaliex aktar ma' jgħaddi ż-żmien l-ICT u *e-government* qed tkun aktar aċċessibbli u użata minn kulħadd.

**2.2.12.** **Inżommu lir-residenti nfurmati** permezz ta' pubblikazzjoni fil-forma ta' fuljett (*newsletter*) billi jitqassam f'kull dar fejn ninkludu wkoll rendikonti finanzjarji. Servizzi ta' tagħrif importanti ta' natura ġeografika, storika u antika oħra huma dawk li toffri l-*web-site* speċjalment għall-istudenti li jkunu qed iwettqu xi proġett fl-istudju tagħhom.

**2.2.13.** **Nagħmlu l-parti tagħna f'dik li hija ħidma soċjali** favur l-anzjani u l-batuti billi nipprovdu tilqim kontra l-mard ta' l-influwenza, noffru ħarġiet edukattivi u divertenti. Dawn il-ħarġiet qed ikunu aktar popolari mal-persuni tat-terza eta'. Nisħqu ħafna li dawn il-ħarġiet għandu jkollhom bixra edukattiva ħalli jservu bħala mezz ta' tagħlim/għarfien.

**2.2.14.** Inkunu ċentru ta' servizzi ***one-stop-shop*** biex il-pubbliku jevita li joqgħod jinqala' minn daru u jaħli żmien prezzjuż biex jinqeda. Jekk hu possibbli billi jagħmel użu ta' l-*Information Communications Technology*. Dan qed nagħmluh biex inkunu konformi mal-politika tal-Gvern Ċentrali. Huwa mportanti li nkomplu nimxu fuq il-pjanijiet li għandu għalina l-Gvern Ċentrali ħalli nedukaw lil-poplu biex il-qasma diġitali ma jkollhiex daqshekk impatt negattiv fuqna.

**2.2.15.** Indaħħlu l-politika li '**nagħtu l-massimu mir-riżorsi limitati'** li għandna. Dan qed ngħiduh mhux biss mill-att finanzjarju iżda wkoll rigward ir-riżorsi umani li huma l-aqwa assi tal-Kunsill Lokali. Dan jgħodd mhux biss għal dawk il-ħaddiema li jkunu fl-uffiċċju, iżda wkoll għall-ħaddiema li huma assenjati magħna bħal dawk ta' l-*Resources and Support Services Ltd. (RSS).* Dawn il-ħaddiema huma persuni bi snajjiet speċjalizzati fuq il-ħadid li ġejjin mit-tarzna ta' Malta wara li kien sar l-eżerċizzju tar-ristrutturar fl-istess azjenda. Il-Kunsill qed juża dawn il-ħaddiema fuq xogħlijiet speċjalment ta' manutenzjoni. Dawn qed jagħtu kontribut siewi ħafna billi qed ikunu flessibbli kemm jistgħu f'ħidmiethom.

**2.2.16.** Inkunu **Ċentru ta' Tagħlim.** Matul dawn l-aħħar snin, iċ-Ċentru tal-Kultura l-Isptar il-Qadim qeda' żewġ irwoli importanti. L-ewwel wieħed hu li jkun post ta' wirjiet kulturali mhux biss dawk imtella' mill-Kunsill, iżda wkoll dawk oriġinati minn xi entita', soċjeta', eċċ. It-tieni rwol li qeda' dan il-post kien li saru diversi korsijiet ta' tagħlim. Dawn kienu, fit-tagħlim bażiku tal-Lingwa Maltija u Ngliża, fid-dixxiplina tal-*Karate, computers,* bizzilla, ganutell, tisjir, monasteru u fid-drama. Dan kien possibbli bl-involviment ta' kumpaniji privati u dipartimenti tal-gvern bħalma huma d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u Tagħlim tul il-Ħajja.

# 3.0. L-GĦANIJIET, IR-RIŻULTATI MISTENNIJA U L-ISTQARRIJA

## 3.1. OĠĠETTIVI GĦAL QASIR ŻMIEN U RIŻULTATI MISTENNIJA (2014)

| L-GĦANIJIET | IR-RIŻULTATI MISTENNIJA |
|---|---|
| *Kisi ta' Toroq (mhux ġodda)* | Ix-xogħolijiet ta' tqegħid ta' *mains* ġodda ta' l-ilma u l-*house connections* ġodda għad-djar kumplimentari bit-tqegħid ta' *earth electrodes* f'kull dar jassigura xogħol li jrendi għal tul ta' snin. Il-proġett pilota ta' kisi ta' toroq bit-*tarmac* bil-għajnuna tal-Gvern Ċentrali ħalla mpatt tajjeb għaliex naqqasna l-ispejjeż tal-manutenzjoni. Il-korporazzjonijiet fosthom dik tas-Servizzi ta' l-Ilma (*WSC*), qed jikkollaboraw f'dan il-qasam billi jagħmlu tajjeb għall-materjal filwaqt li l-Kunsill jidħol għall-ħlasijiet tal-fattura (x-xogħol). |
| *Dixxiplina* | Bl-introduzzjoni tal-Gwardjani Lokali, naqsu l-abbużi ta' ksur ta' liġijiet tat-traffiku u kontravenzjonijiet ta' skart (*litter)*. Tinħass ukoll aktar dixxiplina fit-toroq tagħna, minkejja li l-operat tal-gwardjani għadu kontroversjali fost il-poplu li kien dara l-laxkezza tal-imgħoddi. Mis-sena 2004, il-gwardjani lokali ingħatalhom l-inkarigu li jagħmlu l-iskizz li jkun meħtieġ meta jkun hemm xi kollużjoni fit-toroq. Dan ma japplikax f'każ li jkun hemm involut xi persuna li tkun tinħtieġ assistenza medika (feruta) u jew issir ħsara f'terzi. L-iskizz u r-rapport jgħaddi elettronikament lill-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni. F'każ li l-liċenzja u d-dokumenti ta' l-assikurazzjoni ma jkunux fil-pussess tas-sewwieq involut dawn jintbagħtu lill-kumpanija tal-gwardjani lokali mil-Kunsill Lokali Mqabba stess.<br><br>Mill-2006 'l hawn il-gwardjani lokali daħlu responsabbli mid-dixxiplina ambjentali fit-toroq urbani. Nittamaw li b'hekk inkunu qed intaffu xi ftit mill-ispejjeż dejjem telgħin tat-tindif, ninkoraġġixxu akar is-separazzjoni ta' l-iskart u fuq kollox ikollna r-raħal tagħna aktar nadif. |
| *Librerija Lokali* | Il-faċilita' tal-kompjuterizzazzjoni kienet ġiet offruta lil-lokalita' tagħna propju fil-librerija lokali ta' l-Imqabba. Fuq kollox hemm il-ħsieb li jkun hemm self ta' kotba li jkunu disponibbli f'libreriji lokali oħra. Minn informazzjoni li għandu l-Kunsill jirriżulta li s-self ta' kotba żdied grazzi għas-siegħat żejda li qed jagħmel tajjeb għalihom il-kunsill bil-ftuħ tal-librerija fil-għodu, fil-għaxija u anke s-Sibtijiet. Permezz ta' donazzjonijiet li rnexxielu jakkwista l-Kunsill, |

irnexxielna nkabbru l-kollezzjoni tal-kotba. Mhux biss dan iżda kienu installati televiżjoni, żewġ *air conditioners* u ovvjament żdiedu konsiderevolment il-kotba fuq l-ixkaffi.

*E-Government*

Qed isir xogħol ta' titjib fuq is-servizzi eżistenti li qed jingħataw mil-kunsill lokali f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' servizzi offruti mid-dipartimenti tal-gvern. Infatti il-gvern hu kommess li jgħolli l-kwalita' tal-ħajja tal-Maltin billi jisfrutta t-teknoloġija tal-informatika u l-komunikazzjoni fis-sens wiesgħa kollu tagħha biex isaħħaħ l-ekonomija, jikkreja l-impjiegi, jassigura ekwita' soċjali u jiżviluppa l-edukazzjoni. Il-Kunsill tagħna bi ħsiebu jkun minn ta' quddiem biex ma jibqax lura minn dak li hu ta' ġid għall-poplu Mqabbi.
Fis-snin li għaddew rajna kif wieħed jista' jagħmel l-ilment, jistaqsi għal aktar informazzjoni dwaru u jagħmel suġġeriment 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa permezz ta' l-*internet*. Dan sar fl-isfond ta' l-inawgurar ta' servizzi oħra ta' ħlasijiet taċ-ċitazzjonijiet *on-line*. Żidna wkoll il-WI-FI f'żoni pubbliċi.

*Użu ta' l-Isptar il-Qadim*

Dwar dan il-fond, l-isfidi huma kif se nagħmlu aktar użu tajjeb minn dan il-post li għandu potenzjal enormi. Dan il-post qed iservi ta' lok fejn fih jiġu mgħallma diversi ħiliet akkademiċi, dawk fl-artiġġjanat u snajja. Qed iservi wkoll fejn fih jinżammu esebizzjonijiet temporanji bħal pittura u skultura. L-Isptar il-Qadim qed jilqa' fih diversi persuni f'laqgħat u *workshops* li qed isiru spiss, fosthom il-Laqgħa Pubblika Annwali tal-kunsill lokali, iljieli Maltin, fejn kellna l-okkażjoni nippromwovu l-ikel malti (gastronomija). L-aktar attivitajiet tal-massa li attiraw nies, kienu il-presepju ħaj kif ukoll wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa bl-involviment tas-soċjetajiet tal-banda.

*Parteċipazzjoni aktar mill-Pubbliku*

Il-ħidma volontarja għandha tingħata l-importanza mhux biss mill-kunsillieri li jaħdmu b'mod volontarju, iżda wkoll mill-pubbliku li għandu jirrikonoxxi dan il-fatt u jipparteċipa f'kumitati tal-kunsilli u f'laqgħat pubbliċi. Nafu li hawn riżorsi kbar u bħal dejjem irridu nagħrfu kif se nisfruttawhom għall-ġid tagħna lkoll.

*Kultura u Wirt Storiku*

Jinfetaħ il-Katakombi tal-Mentna sabiex kull min hu nteressat ikun jista' jżuru. Irridu nsibu l-mezzi ħalli dan il-post uniku jitgawda mill-pubbliku. Be ħsiebna naħdmu ħalli postijiet oħra jkunu aktar milħuqa mill-pubbliku. Dawn huma l-kappelli ta' Santa Katerina, dik ta' San Bażilju u San Mikiel. Napprezzaw ħafna l-fatt li dik tad-Duluri qed tkun miftuħa kull jum għall-adorazzjoni

Ewkaristika.

*Edukazzjoni u Għarfien*

Jibqgħu jsiru korsijiet ta' tagħlim, bħalma saru fl-użu tal-*computer*, ganutell, fis-sengħa ta' l-elettriku, parċmina, monasteru, *parental skills* u dak ta' l-ewwel għajnuna (*first aid*). Għandna nkomplu ninvolvu l-privat ħalli ninkoraġġixxu lil kulħadd jagħti sehmu fit-tagħlim.

*Tiswijiet u Manutenzjoni ta' Lampi tat-Toroq*

B'koperazzjoni ma' kunsilli lokali oħra ta' Ħal Qormi, il-Ħamrun, is-Siġġiewi, il-Qrendi, iż-Żurrieq, Ħal Safi, Ħal Kirkop, Ħaż-Żebbuġ, il-Gudja, Santa Lucija u Ħal Għaxaq permezz tar-Reġjun tan-Nofsinhar, il-Kunsill impenja ruħu u daħal għad-delega tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq. Dan qed isir biex tonqos il-biża' speċjalment fost l-anzjani minħabba toroq mudlama, u fuq kollox noffru aktar sigurta' fit-toroq għall-*pedestrians* u s-sewwieqa. Qed naħdmu biex fuq kollox jitjieb ir-*response time* ħalli jkun hemm inqas dewmien fit-tiswijiet tal-lampi tat-toroq. Nistgħu ngħidu li din kienet devoluzzjoni esperimentali li rnexxiet ukoll fuq bażi lokali.

*Ħlas ta' Liċenzji u Kirjiet tal-Gvern*

Tajna sehemna fid-devoluzzjoni ta' liċenzji oħra minbarra dawk tal-ħwienet. Dawn il-liċenzji jitħallsu mill-Muniċipju stess u jikkonsistu f'dawk il-liċenzji magħrufa bħal tal-*hawkers* li huma pagabbli lid-Dipartiment tal-Kummerċ. Ma rridux ninsew il-liċenzji l-oħra, bħal dawk tal-*bars,* pagabbli lill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, u tat-*taxis* pagabbli lill-*Transport Malta*. Dawn qabel kienu jiġu amministrati mill-Kummissarju tal-Pulizija. Ħlasijiet oħra li qed isiru mill-uffiċċju muniċipali huma dawk dovuti lill-Kummissarju ta' l-Artijiet għal kirjiet u qbiela li għandu l-Gvern u issa wkoll tal-propjetajiet li kienu għand il-Knisja. Aktar mal-pubbliku jsir jaf b'dawn is-servizzi, hu maħsub li aktar se jagħmel użu minnhom mill-uffiċċju tagħna, għall-kumdita' tiegħu.

*Soluzzjoni għall-ilma tax-xita li jinġabar fit-toroq*

Il-Kunsill qed iħabrek biex isiru xogħolijiet ta' *flood relief*. L-insistenza tal-Kunsill dwar il-bini ta' ġibjun addizzjonali fl-inħawi tal-*Housing Estate* se tibqa' projorita' minkejja kull diffikulta' finanzjarja li jista' jkun hemm minn naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma (*WSC*) u / jew *Transport Malta*. Dan għaliex huwa inutli li tinvesti f'*culverts* meta m'hemmx fejn jitwassal dan l-ilma. Fis-snin li għaddew imxejna pass 'il quddiem billi l-Gvern Ċentrali ikkoreġa żball billi wettaq sistema ta' kanali taħt Triq il-Konvoj ta' Santa Marija biex joħroġ l-ilma ta' Sqaq l-Isptar għall-ġibjun. Madankollu toroq li fl-imgħoddi kienu meqjusa bħala postijiet li jżomm ħafna ilma fihom bħal Triq il-Parroċċa u Triq San Bażilju,

dawn ma baqgħux bil-problema wara li l-Kunsill daħal għax-xogħol tal-kisi mil-ġdid. L-ippjanar minn qabel hu vitali biex jiġu eliminati dawn il-problemi. Sadanittant kollox huwa mħejji mill-gvern ċentrali sabiex jinbena ġibjun addizzjonali biex jilqa' l-ilma tax-xita miġbur minn toroq ġodda. Dawn huma Triq Ġanni Darmanin, Triq Xandru Farrugia, Triq Monsinjur Alfons Caruana Triq il-Franka, Triq il-Ħajt tal-Matla u Triq Dun Anġlu Mallia.

*Użu aħjar mill-barriera tal-Mitħna*

Fil-passat konna qed naħsbu fuq proġett pilota, fuq bażi reġjonali. Dan kien ġie mfassal mill-periti tal-kunsill b'kollaborazzjoni mal-għalliema u t-tfal ta' l-Iskola Primarja Mqabba biex l-ambjent jiġi kkonvertit f'*field work area*. Dan kollu kien maħsub b'tali mod li ma jkunx hemm interventi diretti fuq l-ambjent biex jiddisturbaw mil-inqas lill-flora u l-fawna. Dan il-post kien se jkun sit fejn jistgħu jitħawwlu aktar siġar u jsir studju ambjentali minn studenti tal-iskejjel tar-reġjun. Madankollu aħna saqajna mal-art għaliex nafu li dan is-sit ta' daqs konsiderevoli jinħtieġ fondi kbar biex jiġi reklamat, iżda konvinti li art ta' qies bħal dan, mhux ta' min tibqa' mitluqa meta faċilment tista' tintuża għall-ġid ta' kulħadd speċjalment għal skop edukattiv.

*Taħriġ*

B'aktar taħriġ speċjalment dak immirat lejn l-impjegati, l-Kunsill ikun qed jibbenefika minn tagħrif dwar is-sistemi li jużа fix-xogħol tal-ġurnata u biex ikollu aktar kontroll fuq il-finanzi. Dan is-suġġett ħafna drabi jkun il-qofol tad-diskussjoni dwar l-andament tal-kunsill. Bla dubju ta' xejn il-kunsillieri wkoll għandhom bżonn ta' aktar tagħlim speċjalment fl-għoti ta' offerti pubbliċi ħalli jaslu għal deċiżjonijiet għaqlija mibnija fuq tagħrif utli. Il-Kunsill japprezza ħafna l-impenn tal-partiti politiċi, Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'dan il-qasam, sabiex kulħadd jibqa' aġġornat, biex b'hekk namministraw tajjeb dak kollu li għandna disponibbli, bl-akbar responsabbilta'.

*Professjonalita' f'Xogħolna*

Bl-użu tajjeb ta' professjonisti bħalma huma periti, *quantity surveyors, legal advisors, accountants* u oħrajn, inkunu nistgħu nippjanaw aħjar u nilħqu t-*targets* tagħna bl-aktar mod effettiv.

# 3.0. L-GĦANIJIET, IR-RIŻULTATI MISTENNIJA U L-ISTQARRIJA

## 3.2. L-ISTRATEĠIJI

Il-Kunsill minn żmien għal żmien iħoss li għandu jirrevedi l-istrateġiji tiegħu. Dan għaliex l-Informazzjoni Teknologika (*I.T.*) qed tevolvi b'ritmu mgħaġġel u qed tidħol mentalita' aktar matura fost il-pubbliku u l-kuntratturi. Ta' min jirrikonoxxi l-fatt li qed jikbru l-opportunitajiet b'tekniki ġodda fix-xogħol. Huwa fatt ta' nkoraġġiment kbir, li s-soċjeta' tinteressaha u jimpurtaha minn dak kollu li jkun qed jiġri madwarha, fosthom il-bżonnijiet tal-persuni, anke dawk anqas ixxurtjati minnha u bi problemi soċjali. Jimpurtaha wkoll mill-ambjent, il-post li qed tgħix fih, il-ġirien u fuq kollox il-ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

**L-ISTRATEĠIJI WŻATI HUMA DAWN:**

**3.2.1** Innaqsu l-ilmenti billi ninvolvu l-pubbliku fit-tfassil tal-pjanijet (*planning stages*) speċjalment meta jkunu qed jitfasslu l-Estimi Finanazjarji. B'hekk nevitaw konfronti diretti li m'huma tajbin għal ħadd, u nkunu qed nippjanaw b'viżjoni fejn ikunu jistgħu jiġu identifikati problemi minn qabel.

**3.2.1** Inżommu t-trasparenza biex toktor il-fiduċja fina mil-kuntratturi, pubbliku u kull min ikollu x'jaqsam magħna, fix-xogħol muniċipali.

**3.2.2** Insaħħu t-*team work* biex tinħoloq aktar għaqda fost il-kunsillieri, impjegati, il-ħaddiema ta' l-*RSS*, *Works Managers*, ko-ordinaturi, membri tas-Sotto Kumitati, każini tal-banda, politiċi, sportivi, għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa, pulizija, u l-pubbliku, li jkun irid jivvolontarja ruħu li jwettaq xi servizz.

**3.2.3** Sorsi ġodda ta' dħul finanzjarju. Nemmnu li s-servizz ta' gwardjani lokali mhux qiegħed hemm biex ikun hemm mezz ieħor ta' dħul permezz tal-multi. Il-Kunsill jista' joħloq aktar dixxiplina fit-toroq filwaqt li jiġi ntrodott servizz sostenibbli. Nittamaw illi matul dawn it-tliet snin li fih qed jiskatta dan il-pjan, l-introjtu jinqasam b'mod ekwu bejn il-kunsilli kollha mill-aġenzija LESA.

**3.2.4** Insaħħu aktar il-*Customer Care* fi ħdan l-istess Kunsill u nkunu mgħammra aħjar biex nagħtu servizz dejjem itjeb b'affarijiet bażiċi bħal (naħsbu li hemm bżonn) *bar-code reader machine*, u *epos* biex jitħallsu b'ħeffa akbar ċitazzjonijiet, kirjiet, eċċ. Ovvjament l-esperjenza mil-ħaddiema hija ta' kontribut lejn dan il-qasam tal-*Customer Care.*

**3.2.5** Intejbu l-*performance* tal-uffiċċju billi niżviluppaw mekkaniżmu (*software*) u sistemi oħra biex ma jibqax daqshekk *time-consuming* li wieħed imur jiddepożita l-flus fil-bank, speċjalment fondi li ma jkunux jappartjenu lilna. Wieħed irid jikkonsidra li f'uffiċċju żgħir bħal tagħna, jekk ikun hemm xi ħadd bis-*Sick /Vacation/Pregnancy Leave*, u clerk isservi ta' librara, sempliċiment irid jingħalaq l-uffiċċju sabiex wieħed imur fil-*queue* il-bank jiddepożita. Dan minkejja li f'diversi rapport mill-udituri tagħna jissemma l-bżonn li mmoru niddepożitaw il-flus il-bank, b'aktar frekwenza.

**3.2.6** Insibu mezzi kif innaqsu x-xogħol tal-*back office* u nikkonċentraw aktar fuq il-klijenti tagħna. Dan jista' jkun possibbli b'tagħmir aktar aġġornat u li jaħdem b'ħeffa akbar.

## 4.0. ANALIŻI TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

### 4.1. L-ORGANIZZAZZJONI

Din hija l-istruttura li biha qed jaħdem il-Kunsill.



# 4.0. ANALIŻI TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

## 4.2. ATTIVITAJIET ĠENERALI

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba issa ilu mwaqqaf għal dawn l-aħħar tlieta w għoxrin sena. Għandna storja li minnha tgħallimna, evolvejna, u saħansitra rrevedejna u rranġajna dak li kien inqas tajjeb, għal benefiċċju ta' kulħadd.

### 4.2.1. MANUTENZJONI

Spiża li qed tassorbi fondi konsiderevoli, hija dak tal-manutenzjoni tat-toroq u tal-bankini. Din bażikament tinkludi l-*patching* tat-toroq. Għalkemm ikollna ideja ta' x'se jintefaq, f'din it-tip ta' manutenzjoni, li trid issir fil-ħin, bi dritt lejn il-pubbliku, biex nassiguraw sigurta' fit-toroq tagħna, kollox jiddependi mill-ħsarat, speċjalment tal-maltemp, vandaliżmu, inċidenti tat-traffiku, eċċ. Madankollu, qed ninvestu wkoll f'bankini ġodda u l-manutenzjoni tal-assi pubbliċi. Wieħed mil-fatturi li qed ikun ta' problema huma it-toqob tal-armar tal-festa li jfaqqsu f'kull post biex darba f'sena jintramaw bl-armar – xi ħaġa inaċċettabbli. Il-kumplament tas-sena rridu noqgħodu magħhom b'seba' għajnejn biex ħadd ma jkorri meta speċjalment l-għotjien itiru bir-roti tal-vetturi.

### 4.2.2. *JOINT VENTURES*

It-tisħib f'diversi xogħlijiet ma' kunsilli lokali oħrajn ċertament qed jirrendi tajjeb ħafna. Dan għaliex qed inaqqas l-ispejjeż tal-amministrazzjoni minkejja li qed ikun hemm ħafna ħin dedikat f'taħditiet twal li jsiru b'mod regolari fil-każ tagħna f'diversi muniċipji u postijiet oħra. Dawn ħafna drabi qed isiru fir-Reġjun tan-Nofsinhar (fil-*Law Enforcement System*) u fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi (Ġbir ta' Skart). Hemm ukoll l-isħubija fil-GAL Xlokk li dawn l-aħħar snin reġgħet kienet attivata' min-naħa tal-Kunsill tagħna.

### 4.2.3. IS-SERVIZZI TA' L-INDAFA

Dawn is-servizzi jingħataw bażikament permezz ta' dawn il-kuntratti. Kuntratt ewlieni huwa dak li jikkonsisti fil-Ġbir ta' l-Iskart Domestiku mid-djar. Kuntratt ieħor hu dak tal-Ġbir ta' l-Iskart Goff. It-Tindif tat-Toroq Urbani, it-Tindif tat-Toroq Rurali, iż-Żamma u l-Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi, u ż-Żamma u l-Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi. Dawn jibqgħu s-sinsla tal-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali għaliex irridu niftakru li l-ewwel delegi tal-kunsilli lokali kienu propju dawk tas-servizzi tat-tindif. Ħafna drabi, dawn is-servizzi peress li b'xi mod ibiddlu temporanjament l-istat tat-toroq tagħna, neħduhom *foregranted* u l-pubbliku jista' jkun li ma jagħtihomx l-attenzjoni mistħoqqa daqs per eżempju bankina ġdida jew xi proġett ieħor kapitali. Mhux hekk, minn naħa tal-Kunsill. F'dawn is-servizzi qed nonfqu ammont sostanzjali ta' fondi għaliex nemmnu li għandhom konnessjonijiet diretti ma' saħħet ir-residenti, u sabiex nattiraw barranin sabiex iżuru postijiet bħal tagħna. Għalhekk huwa mportanti ħafna li dawn is-servizzi jingħataw bl-aħjar mod. Mill-15 ta' April, 2008, bdejna noffru servizz ieħor – dak tal-ġbir ta' skart riċiklabbli bieb bieb, magħruf aħjar bħala *package waste* darba fil-ġimgħa. Dan qed jinvolvina li nkunu involuti wkoll fit-tqassim tal-boroż tal-iskart separat kull familja. Minn diversi snin ilu kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar, qed niġbru wkoll il-ħġieġ bieb bieb u jsiru wkoll ġabriet kull tant ta' ħwejjeġ użati. Matul is-sena l-oħra introduċejna il-ġbir tal-ħwejjeġ użati minn clothes' banks u wkoll ġbir ta' tagħmir elettroniku permezz tal-kumpanija WEE Malta.

### 4.2.4. IL-ĦLASIJIET TAL-LIĊENZJI TAL-ĦWIENET

Din is-sistema ta' ħlasijiet fil-lokal stess, issa saret popolari mmens mas-sidien ta' l-istabbilimenti li għandna fl-Imqabba. Għalkemm ir-raħal m'għandux aktar minn sittin (60) ħanut, (in-numru ta' liċenzji li jitħallsu), fl-Imqabba għandna joperaw bosta *garages* li fihom jinħadem xogħol ta' sengħa kbira speċjalment dak relatat mal-ġebel tal-franka. Hawn nagħmlu enfasi speċjali għall-barrieri tal-franka, l-uniku riżors naturali li jinstab fi gżiritna. Dan jagħtina identita' bħala r-raħal li għandu l-akbar ammont ta' barrieri tal-franka fi gżiritna, u għandna biex inkunu kburin bih. L-attivita' f'dawn il-barrieri tvarja matul is-snin għaliex minkejja li bħalissa mhux qed jinqata' wisq ġebel, ħafna minn dawn il-barrieri qed jimtlew b'materjal ta' kostruzzjoni u huma liċenzjati mill-Awtorita' tal-Ippjanar għal dan il-għan.

### 4.2.5. L-INFRASTRUTTURA FRAĠLI TAGĦNA

Bħalma nistgħu nimmaġinaw, il-barrieri fihom infushom m'humiex daqshekk ta' uġiegħ ta' ras għall-Imqabbin daqs kemm huwa t-traffiku goff. Hawn se nsemmu ftit mill-problemi li l-Kunsill tal-Imqabba huwa mpenjat biex isolvi bil-ħila tiegħu u bil-parteċipazzjoni tal-gvern ċentrali u fuq kollox tal-pubbliku. L-enfasi qed issir fuq it-trakkijiet u l-mogħdijiet tagħhom. It-triqat baqgħu ta' l-istess wisa'. Id-dħul tal-barrieri baqa' fl-istess post sa minn għaxriet ta' snin ilu 'l hawn. Iżda d-daqs tal-karrijiet li jġorru l-ġebel, kiber, u l-piżijiet tqal ta' terrapien u t-traġitti, żdiedu bil-kbir. Dawn ta' kull jum qed ikissru t-toroq tar-raħal, minbarra li għadna nsibu 'l min jabbuża u jgħaddi minn toroq li mhux suppost li jgħaddi traffiku goff minnhom, bħal Triq il-Parroċċa. Xi kultant dawn il-vetturi jkunu mingħajr għata fuq il-kaxxa u jħallu trabijiet, nugrufun u jagħmlu ħsejjes esaġerati li huma insapportabbli, sa minn qabel ma jisbaħ. Fil-passat wieħed mill-agħar inċidenti, kien dak ta' sfrundar ta' saqaf ta' ġiebja mimlija bl-ilma, taħt it-triq, bit-tagħbija ta' trakk waqt xogħol ta' asfaltar mill-istess Kunsill Lokali. Biex ma nsemmux in-numru ta' ħsarat tal-mejnijiet ta' l-ilma miksura bl-istess piż esaġerat ta' materjal tal-bini dieħel fil-barrieri bħala parti mill-programm tal-immaniġġjar ta' skart, tal-gvern ċentrali. Insibu wkoll barrieri li m'għandhomx il-permessi tal-*Awtorita' tal-Ippjanar* biex jintradmu u hemm min qed jabbuża u jitfa' l-materjal fihom li jista' jagħmel ħsara lill-ilma tal-pjan u lill-ambjent inġenerali. F'dan il-kuntest, il-bini ta' rotta alternattiva għal dawn il-vetturi wara l-iskola f'Tax-Xantin, dehret li kienet se tkun is-soluzzjoni ġusta fuq xewqet ir-residenti espressa f'petizzjoni xi snin ilu, iżda l-Kontrollur ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ma qabilx li din issir minħabba s-sigurta' ta' l-ajruport f'każ ta' xi inċident tal-ajru. Għalhekk qed nibqgħu insostnu li l-vetturi għandhom ikunu konformi mal-*istandards* Ewropej sabiex it-tagħbijiet jagħmlu l-inqas impatt fuq it-toroq tagħna. Jekk xejn innaqsu mil-materjal li qed insibu mwaqqa' fit-triq ma kull *roundabout.*

### 4.2.6. KISI TA' TOROQ BIT-*TARMAC*

Minkejja l-problemi elenkati hawn fuq, il-kunsill wettaq il-proġett pilota b'tisħib mal-Gvern Ċentrali permezz ta' programm ta' kisi ta' toroq. Inksew kważi t-toroq kollha bit-tarmak u / jew anke saħansitra bil-*Patterned Concrete* u ċ-ċangatura. Biex insalvaw propju l-qalba tar-raħal, ingħalqet għat-traffiku parti minn triq ewlenija – Triq il-Parroċċa. Dan hu każ ċar ta' kemm qed tingħata aktar importanza lill-persuni, inkella lit-traffiku. Toroq li għad fadal xi jinksew huma biss Triq it-Torri Vinċenti, Sqaq Buħar, Triq Baskal Xuereb, Triq Ġanni Darmanin u Triq George Martin.

### 4.2.7. EDUKAZZJONI U TAGĦLIM

Ħadna ħsieb ukoll ir-riżorsi umani ta' dan ir-raħal. Dan għamilnieh billi kull min ried kellu l-opportunita' li jitgħallem. Infatti saru diversi korsijiet fil-*computer* għat-tfal u għall-adulti kif ukoll korsijiet fl-ewwel għajnuna (*first aid*), purtieri, ganutell, tal-lingwa bażika maltija u dik ingliża, parċmina, bini tal-presepji, drama u l-monasteru (sena artistika antika), tat-tisjir u d-dekorazzjoni tal-kejkijiet. Qajjimna kuxjenza fost

il-pubbliku billi tajna mportanza lil kull min kien ħaqqu anke bit-tismija ta' toroq għall-persuni li kienu għamlu xi isem għar-raħal ta' l-Imqabba.

F’jum ir-raħal, iċċelebrat fl-aħħar ġimgħa t’Ottubru ta’ kull sena, jiġu mtella’ diversi attivitajiet mifruxa fuq ġimgħa sħiħa. F'dan iż-żmien nieħdu ħsieb ninvolvlu lil kulħadd: l-anzjani, it-tfal, iż-żgħażagħ u kull min kien dispost li jersaq lejn il-kunsill. Barra minn hekk organizzajna diversi attivitajiet soċjali u kulturali wkoll. Tajna wkoll l-opportunita’ matul dawn l-aħħar snin, illi it-talent imqabbi jiddebutta permezz ta’ artisti lokali u barranin. Tellajna wkoll wirjiet ta’ l-arti, opportunita’ sabiħa fejn ħafna qed jesponu it-talent tagħhom. Inżammu wkoll lista twila oħra ta’ avvenimenti b’risq ir-residenti Mqabbin. Fil-futur bi ħsiebna nkomplu nħeġġu lill-pubbliku jibqa’ f`kuntatt magħna permezz ta’ dawn l-affarijiet speċjalment dawk sportivi, kulturali u soċjali.

### 4.2.8. RESTAWR

Fil-passat konna nvoluti f’xogħol ħafif bħal ngħidu aħna r-restawr tas-Salib tal-Ħaġar tal-Pjazza tal-Knisja, li huwa skedat mill-*Awtorita’ tal-Ippjanar*, restawr fuq il-Kappella ta’ Santa Katerina kif ukoll dak ta’ l-Istatwa ta’ San Franġisk li kienet qed titmermer fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Matul is-sena 2003 temmejna wkoll il-proġett ambizzjuż tal-Isptar il-Qadim. Dan l-isptar ta’ żmien il-pesta, kien ilu ħafna mitluq u wżat ħażin. Il-gvern ċentrali wettaq l-eżerċizzju tad-devoluzzjoni tal-art billi għaddih lil Kunsill biex jittrasformah f’sit fejn fih jinżammu diversi lezzjonijiet matul is-sena kollha, kif ukoll esibizzjonijiet tal-arti. Dan ir-restawr li nvolva lill-Kunsill eluf kbar ta’ liri (dak iż-żmien) u x-xogħol kien wieħed estensiv u kien jikkonsisti fl-issiġillar tal-bejt bil-*membrane,* bdil ta’ ġebel immermer, tpoġġija ta’ travi tal-injam flok dawk tal-ħadid. Kien hemm ukoll il-ħtieġa li jissewwew soqfa mġarrfa u tqaxxir tal-ġir tal-ħitan kollha u dan ġie ttrattat kontra l-klima xemxija ta’ Malta. Hija l-intenzjoni tagħna li nibqgħu nitkellmu mal-gvern ċentrali u nagħmlu aktar insistenza sabiex isir aktar restawr fir-raħal tagħna. Matul l-2007 il-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura temm restawr estensiv fuq il-Kappella ta’ San Bażilju San Mikiel u fuq iz-zuntier tal-Knisja. Riċentement irrestawrajna l-pedestalli tal-istatwi ta’ San Franġisk u dik tal-Kunċizzjoni kif ukoll in-niċċa ta’ San Ġużepp fi Triq Valletta.

### 4.2.9. IL-*CASH OFFICE*

Is-servizzi ta’ dan l-uffiċċju llum il-ġurnata huma mfittxija ferm mir-residenti. Dan l-uffiċċju jkun miftuħ għas-servizz ta’ kull min jiġi fil-ġranet kollha tal-ġimgħa bejn is-7:00am u l-5:00pm kif ukoll nhar ta’ Sibt bejn l-10:00am u nofsinhar. Minkejja r-riżorsi umani limitati ħafna li għandna, qed naqdu lil kulħadd b’effiċjenza liema bħala. Infatti ħafna nies jinqdew biss f’inqas minn tliet minuti biex jagħmlu pagament jew permess.

**Anthony Bonello**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

# 5.0. IT-TBASSIR DWAR IL-FINANZI U R-RENDIMENT

## 5.1. Tbassir Finanzjarju ghal Tliet Snin

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>STIMA 2019 (€) | b<br>STIMA 2020 (€) | c<br>STIMA 2021 (€) | c-b<br>STIMA 2019-2021 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 318,803.00 | 321,991.03 | 325,210.94 | **966,004.97** |
| 0020 | Il-'Bye-Laws' | 13,500.00 | 5,555.00 | 5,610.55 | **24,665.55** |
| 0090 | L-Investiment | 20.00 | 20.20 | 20.40 | **60.60** |
| 0100 | Ġenerali | 9,400.00 | 9,494.00 | 9,588.94 | **28,482.94** |
| | **TOTAL** | **341,723.00** | **337,060.23** | **340,430.83** | **1,019,214.06** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 85,100.00 | 85,901.00 | 86,710.01 | 257,711.01 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 141,500.00 | 142,915.00 | 144,344.15 | 428,759.15 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 350,000.00 | 341,564.23 | 109,376.67 | 825,594.10 |
| | **TOTAL** | **576,600.00** | **570,380.23** | **340,430.83** | **1,512,064.26** |
| | **BILANĊ FAVUR/(KONTRA)** | **(234,877.00)** | **(233,320.00)** | **0.00** | **(492,850.20)** |
| | **X`KELLNA QABEL** | 287,987.00 | 53,110.00 | (180,210.00) | 287,987.00 |
| | **X'GĦANDNA ISSA** | 53,110.00 | (180,210.00) | (180,210.00) | (204,863.20) |

# 5.0. IT-TBASSIR DWAR IL-FINANZI U R-RENDIMENT

## 5.2. Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2019 (€) | STIMA 2020 (€) | STIMA 2021 (€) | STIMA 2019-2021 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 297,043.00 | 300,013.43 | 303,013.56 | 900,069.99 |
| 0002 | Supplimentari | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 21,760.00 | 21,977.60 | 22,197.38 | 65,934.98 |
| | | **318,803.00** | **321,991.03** | **325,210.94** | **966,004.97** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws"** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 8,000.00 | 0.00 | 0.00 | 8,000.00 |
| 0036 | Kontravenzjonijiet | 2,500.00 | 2,525.00 | 2,550.25 | 7,575.25 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 3,000.00 | 3,030.00 | 3,060.30 | 9,090.30 |
| 0067 | Xiri ta` dokumenti ta` l-offerti | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **13,500.00** | **5,555.00** | **5,610.55** | **24,665.55** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 20.00 | 20.20 | 20.40 | 60.60 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **20.00** | **20.20** | **20.40** | **60.60** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 9,400.00 | 9,494.00 | 9,588.94 | 28,482.94 |
| | | **9,400.00** | **9,494.00** | **9,588.94** | **28,482.94** |
| | **TOTAL** | **341,723.00** | **337,060.23** | **340,430.83** | **1,019,214.06** |

# 5.0. IT-TBASSIR DWAR IL-FINANZI U R-RENDIMENT

## Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

**5.3**

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2019 (€) | STIMA 2020 (€) | STIMA 2021 (€) | STIMA 2019-2021 (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 8,500.00 | 8,585.00 | 8,670.85 | 25,755.85 |
| 1101 | Allowance tal-Kunsillieri | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 15,000.00 |
| 1200 | Pagi ta` l-Imjegati | 58,600.00 | 59,186.00 | 59,777.86 | 177,563.86 |
| 1300 | Bonus | 7,500.00 | 7,575.00 | 7,650.75 | 22,725.75 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali | 5,000.00 | 5,050.00 | 5,100.50 | 15,150.50 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1700 | Sahra | 500.00 | 505.00 | 510.05 | 1,515.05 |
| | | **85,100.00** | **85,901.00** | **86,710.01** | **257,711.01** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra** | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc) | 8,000.00 | 8,080.00 | 8,160.80 | 24,240.80 |
| 2200 | Xiri ta` Materjal u Fornimenti | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 19,000.00 | 19,190.00 | 19,381.90 | 57,571.90 |
| 2400 | Kera | 580.00 | 585.80 | 591.66 | 1,757.46 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/Nazzjonali | 210.00 | 212.10 | 214.22 | 636.32 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 3,200.00 | 3,232.00 | 3,264.32 | 9,696.32 |
| 2700 | Trasport | 600.00 | 606.00 | 612.06 | 1,818.06 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Pubbliku | 3,000.00 | 3,030.00 | 3,060.30 | 9,090.30 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 91,910.00 | 92,829.10 | 93,757.39 | 278,496.49 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 5,000.00 | 5,050.00 | 5,100.50 | 15,150.50 |
| 3200 | Taħriġ | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3300 | Ospitalita` u Servizzi lill-Komunita` | 10,000.00 | 10,100.00 | 10,201.00 | 30,301.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3600 | Spejjeż tal-Gwardjani u Tribunal | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **141,500.00** | **142,915.00** | **144,344.15** | **428,759.15** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta` propjeta` | | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7100 | Bini | 10,000.00 | 100,000.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 57,000.00 | 57,570.00 | 58,145.70 | 172,715.70 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 75,000.00 | 75,750.00 | 76,507.50 | 227,257.50 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 208,000.00 | 108,244.23 | 109,376.67 | 425,620.90 |
| | | **350,000.00** | **341,564.23** | **109,376.67** | **825,594.10** |
| | **TOTAL** | **576,600.00** | **570,380.23** | **340,430.83** | **1,512,064.26** |

# 6.0. ZVILUPP KAPITALI

| **Nru. tal-Kont**<br>Nru. tal-Progett | **Infieq Kapitali**<br>Deskrizzjoni tal-Progett | **2019** | | **2020** | | **2021** | | **2019-2021** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | KONT<br>€ | PROGETT<br>€ | KONT<br>€ | PROGETT<br>€ | KONT<br>€ | PROGETT<br>€ | TOTAL TAL-KONT<br>€ |
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni**<br>Local Council Office on top of public convenience | | | | 100,000 | | | |
| **7200** | **Titjib** | | | | | | | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | | | | | | | |
| **7500** | **Progetti Specjali**<br>Bicycle Park<br>Lanterni Dekorattivi<br>Monument Artistiku<br>Green Infrastructure<br>WiFi 4EU | | 168,000.<br>60,000<br>40,000<br>10,000<br>57,000<br>15,000 | | 200,000 | | 100,000 | |
| | **TOTAL Progetti Godda** | 350,000 | | 300,000 | | 109,376.67 | | 667,620.90 |